MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 258/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Justin Gambin**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-seba` (7) ta' Awissu, 2010 ghall-habta tal-23:25hrs gewwa l-fond 'Surfside' li jinsab fix-Xatt li jaghti ghal-Triq it-Torri, Sliema:

1) Halla attivita` kummercjali li qeghda f'zona urbana, iggenera storbju li seta` jinstema minn barra l-post li jikkawza sikkatura u disturb lil girien bid-daqq tal-muzika, b' live bands jew muzika amplifikata jew mezzi ohra bejn il-23:00hrs u d-09:00hrs;
2) U aktar talli rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Mag. Dr. A. Mizzi LL.D.) li giet definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Mejju, 2011 fejn wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 29 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 53 ta’ l-A.L. 1 tal-2006, ikkundannatu ghal-hlas ta’ ammenda ta’ hamsin Euro (€50).

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta’ Gunju, 2011 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lil Justin Gambin hati skond l-akkuzi, u thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, u minflok tinfliggi fil-konfront tieghu il-piena idoneja skond il-ligi.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fis-seba’ u ghoxrin (27) ta’ Mejju, tas-sena Elfejn u hdax (2011), l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (l-Ewwel Onorabbli Qorti ) kienet manifestament zbaljata meta erogat il-piena. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsistit f’ li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncjazzjoni manifestament zbaljata tal-ligi meta kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsin Euro (€50), wara li debitament sabithu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, galadarba din sabet lill-appellat hati skond l-akkuza, allura kellha tapplika l-piena skond il-ligi. Evidentement l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghmel dan. Fid-decide taghha fis-sentenza appellata, il-Qorti, meta giet biex tinfliggi l-piena *“rat l-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 29 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 53 ta’ l-A.L. 1 tal-2006”*.

Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt ‘*rat…l-artikolu 29 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta*’, u dan ghar-raguni li dan l-artikolu ma jezistix! Il-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa kompost minn tnejn u ghoxrin (22) artikolu, bl-artikolu li jitratta *‘reati u pieni’* jkunu l-artikolu 18. Issa l-artikolu 18 jipprovdi kif gej:

*“Meta persuna tikser xi disposizzjoni ta’ dan l-Att jew ta’ regolamenti maghmulin tahtu, hija tkun hatja ta’ reat taht dan l-Att u tista’ tehel, meta tinsab hatja, kemm-il darba ma tkunx preskritta xi piena ohra taht xi disposizzjoni ohra ta’ dan l-Att:*

*(a) meta tinsab hatja ghall-ewwel darba, ammenda ta’ mhux inqas minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma ta’ mhux izjed minn elf u mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);*

*(b) meta tinsab hatja ghat-tieni darba jew ghal aktar drabi, ammenda ta’ mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37); u*

*(c) fil-kaz ta’ reat kontinwu, ammenda ta’ tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghal kull gurnata li matulha jkompli r-reat.”*

Illi kwindi, anke jekk ghal waqt wiehed biss inwarrbu l-fatt li l-appellat huwa recidiv (addebitu li effettivament instab hati tieghu mill-Ewwel Qorti), u li precedentement instab hati ta’ reati simili, allura anke f’dak ix-xenarju l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija anqas mill-minimu stabbilit bil-ligi.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tggustifika dan il-fatt billi tinvoka l-artikolu 21 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta’ Malta. B’kull rispett, pero’, anke hawnhekk l-Ewwel Qorti, fl-umli fehema ta’ l-esponent, ghamlet enuncjazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. L-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal **ragunjijiet <u>specjali u straordinarji</u> li ghandhom <u>jissemmew bir-reqqa kollha</u> fis-sentenza** abbazi ta’ liema l-Qorti tista` taghti pieni taht il-*minimum* stabbilit mill-ligi. L-esponenti jirreferi ghal-gurisprudenza tabilhaqq kopjuza ta’ din l-Onorabbli Qorti, li nvarjabbilment irriteniet illi biex Qorti tkun tista` tapplika dan l-artikolu, irridu tabilhaqq jikkonkorru cirkostanzi

**specjali u straordinarji,** u li l-Qorti, fis-sentenza taghha, trid mhux biss tindika dawn ic-cirkostanzi, izda tidhol fihom **bir-reqqa.** Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali taghmilha cara daqs il-kristall li dan l-artikolu ghandu jigi nterpretat b' mod ristrettiv, tant li cirkostanzi bhal-ammissjoni bikrija, koperazzjoni mal-Pulizija, konformita` mal-ligi *wara* r-reat, tnehhija ta' l-illegalita` *wara* li jkun ikkunsmat ir-reat, eccetera, nvarjabbilment gew ritenuti li **ma jammontawx** ghal cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini ta' dan l-artikolu.

Illi fis-sentneza appellata il-Qorti ssemmi zewg cirkostanzi abbazi ta' liema hija applikat l-artikolu 21 tal-Kap IX. Dawn huma: (1) "*l-fatt li l-akkuza hija wahda ta' ebda mportanza"* u (2) *"Illum il-fond in kwistjoni gie mghammar b' apparat ta' 'sound proofing'"*. Dejjem bid-dovut rispett, ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi ma hija **specjali u straordinarja**!! Kif intqal aktar 'l fuq, skond il-gurisprudenza kostanti ta' din l-Onorabbli Qorti, l-fatt li bniedem li jkun kiser il-ligi sussegwentement jottempra ruhu maghha huwa dmir, dover, u *obbligu* tieghu, u b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma jista` dan l-individwu juza dan l-istatt ta' fatt (li jmissu kien hemm *ab inizio* u mhux ghax ittiehdu proceduri fil-konfront tieghu) biex jottjeni xi mitigazzjoni fil-piena, anqas u anqas biex jigi applikat l-artikolu 21 fil-konfront tieghu!!! Dwar 'cirkostanza l-ohra msemmija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u cioe` li "*l-akkuza hi wahda ta' ebda importanza"*, l-esponenti ftit li xejn ghandu xi jghid. Dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, tali dikjarazzjoni hija fallaci daqs kemm hi perikoluza! B' kull rispett l-esponent jissottometti li kull reat ikkontemplat fil-Ligijiet ta' Malta ghandu mqar *minimu* ta' mportanza, ghax kieku m'huwiex reat! Huwa minnu li hemm reati gravi, delitti u reati anqas gravi, kontravenzjonijiet, imma ma hemm ebda reat li m'ghandu ***"ebda importanza"!*** Minbarra hekk, b' kull rispett, l-esponent jissottometti li huwa *assai* perikoluz li Qorti tiddikjara kwalsiasi reat bhala ta'*ebda* importanza. Dan ikun x'ikun ir-reat, imqar l-icken kontravenzjoni, ahseb u ara reat sinjifikanti bhal dak odjern – persuna nkarigata minn stabbiliment kummercjali ddoqq muzika b' volum gholi, bil-lejl, u tiddisturba l-mistrieh tan-nies!

Illi ghaldaqstant, apparti l-fatt li dawn ic-cirkostanzi m' humiex diskussi "bir-reqqa kollha" fis-sentenza, kif tirrikjedi l-ligi, b' ebda tigbid ta'l-immaginazzjoni ma jista` wiehed jghid li dawn ic-cirkostanzi huwa **<u>specjali u straordinarji</u>** ai termini ta'l-Artikolu 21 tal-Kap IX tal-Ligijiet ta'Malta, u kwindi, dejjem bid-dovut rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament zbaljata meta applikat dan l-Artikolu.

Ikkonsidrat

Li fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju, 2011, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali rreferiet għall-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikolu 29 tal-Kap 441 u r-regolament 53 tal-Avviż Legali 1 tas-sena 2006.

L-artikoli 49 u 50 korrettement jirreferu għat-tieni imputazzjoni (dik tar-reċidiva).

Għalhekk l-artikolu 29 tal-Kap 441 u r-regolament 53 tal-Avviż Legali 1 tas-sena 2006 suppost qed jirreferu għall-ewwel imputazzjoni.

L-Avukat Ġenerali korrettement jgħid li llum il-Kap 441 ma fihx 29 artikolu iżda fih 22 biss. L-Artikolu 18 huwa dak li jgħid x'pieni hemm ikkontemplati għal min jisker xi dispożizzjoni tal-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.

L-Att huwa l-Kap 441 li huwa intitolat 'Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ'. Dan għandu 7 Avviżi Legali maħruġin taħtu u fosthom hemm dak li kien Avviż Legali 1 tas-sena 2006 u li llum huwa Avviż Legali 441.07. L-Avviż Legali 2006 Numru 1 kien emendat għoxrin darba
minn meta deher għall-ewwel darba.

Effettivament ir-regolament 53 tal-Avviż Legali Numru 1 tas-sena 2006 (illum 441.07) kien jgħid hekk:

‘Kull min jikser xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jkun ħati ta’ reat u jeħel, meta jinstab ħati, l-istess pieni bħal dawk stabbilit taħt l-artikolu **29** tal-Att’

Iżda imbagħad kien emandat hekk:

‘Kull min jikser xi disposiżżjoni ta’ dawn ir-regolamenti jkunu ħati ta’ reat u jeħel, meta jisntab ħati, l-istess pieni bħal dawk stabbilit taħt l-artikolu **18 u 20** tal-Att.’

Issa kif inhi redatta l-ewwel imputazzjoni, partikolarment fit-tieni parti tagħha ‘bid-daqq ta’ mużika, b’live bands jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-11.00pm u 09.00am’ hawn il-ġudikant ried jirreferi ir-regolament 38(2) proviso (a) jew (b) jew (ċ) tal-Avviż Legali 441.07 skont kif kien jirriżulta mix-xhieda fid-dawl ta’ dak li hemm miktub fl-imputazzjoni.

Ir-regolament 53 tal-Avviż Legali 1 tas-sena 2001  illum 441.07) jgħid li tkun twettqet offiżi u lejn liema artikolu tal-Kap 441 wieħed għandu jħares biex jistabilixxi l-piena. Iżda effettivament ma jindikax ir-reat x’inhu.  Dan huwa indikat taħt ir-regolament speċifiku ieħor.

Isegwi li fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, hemm referenza għal artikolu li m’għadux jeżisti fil-Kap 441 u referenza għal regolament f’dak li llum  huwa l-Avviż 441.07 li jindika li wieħed ikun wettaq reat jekk wieħed jikser xi regolament taaħt dan l-Avviż Legali.  Iżda fis-sentenza m’hemmx indikat liema regolament inkiser.

Skont l-artikolu 382 tal-Kap 9:

‘Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.’

Dwar dawn ir-rekwiżiti u n-nuqqas ta’ xi wieħed minnhom intqal hekk fis-sentenza ‘Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et’:

*‘Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta’ xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita’ tas-sentenza jew ta’ parti minnha skont il-każ. Tali nullita’ hija sollevabbli ‘ex ufficio’.’* [1]

Minħabba li wieħed mill-artikoli indikat mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma jeżistix u minħabba li ma saret ebda referenza għar-regolament speċifiku li taħtu taqa’ l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Justin Gambin’ mogħtija fit-18 ta’ Mejju 2011(liema sentenza għandha x’taqsam ma dak li allegatament seħħ fid-data tat-07 ta’ Awwissu 2010) nulla u qed tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jinstema’ mill-ġdid u d-dritt tal-imputat għad-doppio eżami jibqa’ sħiħ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340 u fl-istess volum ‘Il-Pulizija vs Vincent Camilleri’ a fol 353 tat-30 ta’ Lulju 1999.